MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-18 ta' Jannar, 2007

Numru. 592/2006

**Il-Pulizija**
**Spettur Josric Mifsud**
**v**

**FABIO GRECH bin Mario u Loreta nee' Grech, imwieled fis-sebgha ta' Frar, 1987 u residenti Marlor, Triq tal-Hali, Nadur, Ghawdex, detentur tal-karta tal-identita' numru 18787G**

**Il-Qorti;**

Rat illi l-imputat **FABIO GRECH** bin Mario u Loreta nee' Grech, imwieled fis-sebgha ta' Frar, 1987 u residenti Marlor, Triq tal-Hali, Nadur, Ghawdex, detentur tal-karta tal-identita' numru 18787G gie mressaq quddiemha u akkuzat talli nhar il-wiehed w ghoxrin [21] ta' Lulju, 2006

ghal habta tas-sitta neqsin kwart ta' filghaxija [17:45 hrs] f'Ta' Xordin limiti tan-Nadur, Ghawdex:-

1. saq vettura bin-numru tar-registrazzjoni DAU-905 ta' ghamla Vauxhall u b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni u b'nuqqas tat-tharis tar-regolamenti habat ma mutur bin-numru ta' registrazzjoni LCF-296 u kkagunalu hsarat ghad-dannu ta' Saviour Azzopardi.

2. aktar talli b'mod involontarju kkaguna offiza ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Saviour Azzopardi minn Nadur skond kif certifikat minn Doctor Joseph Rapa MD mill-Isptar Generali ta' Ghawdex.

Il-Qorti giet gentilment mitluba li f'kaz ta' htija l-akkuzat jigi skwalifikat mill-licenzja tas-sewqan ghal perjodu ta' zmien li l-istess Qorti jidrilha li hu xieraq.

Rat l-atti kollha tal-kawza w id-dokumenti kollha esibiti fosthom l-affidavit ta' Doctor Joseph Rapa, dak ta' PS 1377 Emanuel Cilia kif wkoll l-okkorrenza u sketch.
Semghet lil Saviour Azzopardi jiddikjara fis-seduta tast-tmintax ta' Jannar 2007 li ma kienx ser jixhed stante li setgha jinkrimina ruhu.

Semghet lil prosekuzzjoni tiddikjara li ma kellhiex aktar xhieda ohra okulari tal-incident xi tressaq f'dan il-kaz.

**Ghalhekk, il-Qorti, wara li rat l-artikoli tal-ligi partikolarment l-artikolu 328 u 221(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta tiddikjara li ma ssibx lil imputat FABIO GRECH hati tal-akkuzi kif addebitati fil-konfront tieghu, stante li ma gewx ippruvati, u konsegwentement tilliberah minn kull imputazzjoni u htija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------